ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA**

**IT-TNEJN 8 TA' JANNAR 2018**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018 fis-7.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsilliera)**

Ralph Puli, Jesmond Aquilina, Bjorn Azzopardi, Jerome Caruana Cilia, Robert Reno Cremona, Renald Falzon, Josef Aquilina, Martina Brancaleone, Marvin Zammit, Antoine Saliba Haig u Daniel Bugeja.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**LAL/18/01 INTRODUZZJONI U DISKORS MIS-SINDKU**

Is-Sindku Jesmond Aquilina irringrazzja lill-Kunsilliera li għoġobhom jattendu għal din il-laqgħa. Is-Sindku Jesmond Aquilina kompla jispjega li din il-laqgħa annwali kienet qed issir sabiex jingħata rapport tal-ħidma tal-Kunsill għas-sena 2017 u fl-istess ħin tingħata ħarsa tal-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena 2018.

Fid-diskors tiegħu is-Sindku Jesmond Aquilina ta ħarsa tal-attivitajiet u xogħlijiet li saru fis-sena 2017. Ix-xogħlijiet u inizjattivi li semma is-Sindku huma dawn:

- Tisbiħ ta' Triq San Pietru
- Tkomplija ta' programm ta' bdil ta' bankini
- Asfaltar ta' Triq H'Attard, Triq l-Oratorju u Triq San Pawl

- Għajnuna lill-għaqdiet sportivi, baned u Teatrali
- Proġett tal-Parking Availability Sensors
- Attivitajiet għal Persuni b'Diżabilita'

Is-Sindku kompla billi ta rendikont tal-pjan tal-Kunsill Lokali għas-sena 2018, fejn fost oħrajn jinkludu

- Proġett ta' Tisbiħ ta' Triq San Bastjan quddiem il-Knisja ż-żgħira
- Proġett ta' tisbiħ ta' Ġnien iż-Żebbuġ
- Xogholjiet ta' bankini
- Wiċċ ġdid lil toroq rurali (Mizura 4.3)
- Restawr tat-Tribuna ta' Pinto

**LAL/18/02** **RAPPORT TA' ĦIDMA MILL-KUNSILLIERA**

**LAL/18/03** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ta rendikont tal-oqsma li jagħmel parti minnhom jew dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu :

Chairman Kumitat Finanzi
Chairman Kumitat Proġetti
Kultura u Wirt Storiku
Għaqdiet Lokali
Attivitajiet tal-Kunsill
Editur Dielja

**LAL/18/04** **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ta rendikont tal-oqsma li jagħmel parti minnhom u ta' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu :

Viċi Chairman Kumitat Finanzi
Viċi Chairman Kumitat Proġetti
Ambjent Indafa u Widien (Ġonna Publici, Latrini, Ġbir ta' skart, Bulky Refuse, Tindif Non urban, Spazji miftuha, Knis, Riċiklagg, Enerġija Alternattiva, Tnaqqis ta' tniġġiż u proġetti ambjentali)

**LAL/18/05** **Il-Kunsillier Ralph Puli** ta rendikont tal-oqsma **(DOK 'A')** li jagħmel parti minnhom jew dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu :

Membru Kumitat Finanzi
Membru Kumitat Proġetti
Relazzjonijiet u inizjattivi ma' intrapriżi lokali

Saħħa u Sigurta fil-postijiet tax-xogħol

**LAL/18/06** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ta rendikont tal-oqsma li jagħmel parti minnhom u ta' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu :

Ġbir ta' Informazzjoni
*Animal Welfare*

**LAL/18/07** **Il-Kunsillier Robert Reno Cremona** ta rendikont tal-oqsma li jagħmel parti minnhom u ta' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu :

PR u kommunikazzjoni,
Website u media socjali
Viċi Editur Dielja

**LAL/18/08** **Il-Kunsillier Renald Falzon** ta rendikont tal-oqsma li jagħmel parti minnhom u ta' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu :

Traffic Management u Ordni Pubblika
Lesa
Rappreżentant tal-Kunsill fil-Reġjun
Tabelli u sinjali tat-traffiku
Trasport Pubbliku
Street Furniture
Bus Shelter
Permessi tal-Gabbani fil-festi
Permessi Xogħlijiet fit-toroq u relazzjonijiet mal-pulizija
Parking Sensors Project,
Ismijiet tat-Toroq

**LAL/18/09** **Il-Kunsillier Josef Aquilina** ta rendikont tal-oqsma li jagħmel parti minnhom u ta' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu :

Anzjani
Persuni b'dizabilita
Animal Welfare

**LAL/18/10** **Il-Kunsilliera Martina Brancaleone** ta rendikont tal-oqsma li tagħmel parti minnhom u ta' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tagħha, li jinkludu :

Saħħa
Ħarsien Soċjali (Familji fil-bżonn u problemi soċjali)

**LAL/18/11** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** ta rendikont tal-oqsma li jagħmel parti minnhom u ta' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu:.

Membru Kumitat Finanzi
Membru Kumitat Proġetti
Street Lighting u proġetti relatati ma' Energy saving
Gal Xlokk Rappreżentant

**LAL/18/12** **Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ta rendikont tal-oqsma li jagħmel parti minnhom u ta' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu :

Zghazagh
Sports - Attivitajiet Sportivi
Youth Empowerment
Ambaxxatur taz-Zghazagh
Effiċjenza Customer Care

**LAL/18/13** **Il-Kunsillier Daniel Bugeja** ta rendikont tal-oqsma li jagħmel parti minnhom u ta' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu, li jinkludu :

Edukazzjoni
Korsijiet
Libreriji pubbliċi
Kampanji edukattivi

**LAL/18/14** **MISTOQSIJIET MILL-PUBBLIKU**

Il-pubbliku preżenti ġibed l-attenzjoni dwar dawn il-punti:

- Bżonn ta' pedestrian crossing fi Triq San Sebastjan bejn iż-żewġ pompi tal-petrol. Is-Sindku wieġeb li meta l-Kunsill kien ressaq talba ma ġietx approvata peress li t-triq wiesgħa u tkun perikoluża.
- Bżonn li jinżabru s-siġar fi Triq il-Vitorja ħdejn l-istage. Il-Kunsill ħa nota u se jgħaddi r-rapport.
- Bżonn li tiġi nfurzata l-liġi u vetturi kbar ma jgħaddux minn Triq il-Vitorja. Il-Kunsill ħa nota u se jgħaddi r-rapport lil LESA.
- L-art li hemm wara il-piċċ tal-Hockey bżonn li tiġi mnaddfa u żviluppata sabiex tintuża minn għaqdiet lokali. Is-Sindku wieġeb li proprju fil-laqgħa tal-Kunsill għadha kemm diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qed jisħaq ma' SportMalta biex din l-art tingħata lill-Kunsill.
- Bżonn li Triq San Ġwakkin tiġi rranġata. Is-Sindku spjega li t-toroq se jiġu mgħoddija lill-Gvern Ċentrali kif diġa ġie mħabbar fil-budget.

- Bżonn li Triq il-Ħammieri in-naħa t'isfel titwessgħa. Is-Sindku wieġeb li fil-passat diġa kien sar intervent u twessgħet iżda se jgħaddi din il-materja lill-awtoritajiet responsabbli.
- Bżonn ta' aktar dawl fi Triq Manwel Dimech ma' Triq it-Tiġrija u Triq l-Iljun. Il-Kunsill diġa jinsab f'diskussjonijiet ma' Transport Malta dwar dan.
- Bżonn li l-Kappella ta' Santa Marija f'Tal-Blat tiġi restawrata. Is-Sindku spjega li din hija proprjeta tal-Knisja u l-Kunsill ma jistax japplika għar-restawr tagħħa taħt l-iskema li ħareġ il-Gvern peress li sar xogħol fuq knejjes oħrajn fil-lokalita' f'dawn l-aħħar tlett snin.
- Bżonn li jinbidlu l-gradilji tax-xita ta' Triq San Edwardu ma' Triq Santa Katerina. Il-Kunsill għadu kif ħa deċiżjoni fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti biex dawn jinbidlu.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:35 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATI**
Jesmond Aquilina
Sindku

**IFFIRMATI**
Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum 5 ta' Frar 2018.